24 ta' Ottubru, 1997

**Imhallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Alfred Zahra u Jean Claude Cassar

## X'ghandu jkun fiha s-sentenza

*L-artikolu 382 tal-kodiċi Kriminali ma jirrikjedix li l-Qorti Inferjuri, meta taghti sentenza kontra imputat, toqghod timmotiva s-sentenza billi ssemi r-raġunijiet li wassluha ghall-konkluzjoni ta' ħtija; kull ma dana l-artikolu jirrikjedi hu li jissemmew il-fatti li taghhom l-imputat ikun qed jiġi misjub ħati, l-artikolu tal-liġi li jkun jikkontempla r-reat u l-piena. Veru li hu desiderabbli li skond il-komplessita` u natura tal-każ, sentenza tkun motivata, pero` dan mhux meħtieġ bil-liġi. Lanqas il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u l-Qorti Kriminali ma huma meħtieġa li jimmotivaw is-sentenzi taghhom ħlief meta jiġu deċiżi kwistjonijt ta' dritt (artikolu 662 (2) tal-Kodiċi Kriminali).*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Alfred Zahra u Jean Claude Cassar talli fis-6 ta' Mejju, 1994 ghall-ħabta tad-disa' u nofs ta' filghodu (1) bil-ħsieb li jikkommettu serq mill-fond "Il-Pitirross", Triq Giuseppi Frendo, Hal Balzan, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom, liema delitt ta' serq kieku ġie esegwit kien ikun

ikkwalifikat bil-mezz, valur li jiskorri l-elf lira Maltija u bil-lok għad-detriment ta' Anthony Schembri; (2) talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament għamlu ħsara, ħassru jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċjoe' ħsarat fil-bieb prinċipali u fil-poġġaman tal-fond imsemmi għad-dannu ta' l-istess Anthony Schembri, Jean Claude Cassar waħdu kien akkużat talli (3) f'Ħal Balzan, fin-Naxxar u fil-Furjana fis-6 ta' Mejju, 1994 bejn l-għaxra ta' filgħodu u nofs in-nhar qal kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa u kliem oxxen fil-pubbliku; (4) kif ukoll talli l-istess jum, postijiet u ħin, inġurja jew hedded lil diversi uffiċjali tal-pulizija, persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz; (5) kif ukoll talli kiser il-kondizzjonijiet ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-2 ta' Settembru, 1992; (6) kif ukoll talli sar reċidiv *ai termini* ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-17 ta' Marzu, 1993 liema sentenza ma tistax tiġi mħassra jew mibdula u Alfred Zahra waħdu kien akkużat talli (7) fis-6 ta' Mejju, 1994 għall-ħabta tad-9.15 p.m. waqt li kien fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, inġurja jew hedded diversi uffiċjali tal-pulizija, persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz, kif ukoll naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija; (8) naqas li jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-miktub fi żmien sebat ijiem li kien xtara vettura numru N-5501; (9) talli f'dawn il-Gżejjer fis-6 ta' Mejju, 1994 u matul ix-xhur ta' qabel saq karozza mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' kontra terzi persuni; (10) kif ukoll talli sar reċidiv *ai termini* ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi li ma jistgħux jiġu mħassra jew mibdula;

Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Frar, 1995; rat il-kunsens ta' l-imputati, irreġistrat fl-udjenza tal-21 ta' Marzu, 1995, sabiex il-każ tagħhom jiġi ttrattat u deċiż bil-proċedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-1 ta' Diċembru, 1995 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Alfred Zahra u Jean Claude Cassar ħatja skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħhom, ikkundannathom għall-piena ta' sentejn priġunerija kull wieħed u ordnat ukoll lill-imsemmija ħatja sabiex iħallsu *in solidum* lir-Reġistratur l-ispejjeż minnu inkorsi għall-ħatra ta' diversi esperti involuti fil-każ u dan fi żmien tliet xhur minn mindu jirċevu l-kont relattiv għall-istess;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Alfred Zahra u Jean Claude Cassar minnhom ippreżentat fl-14 ta' Diċembru, 1995, li bih huma talbu r-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, ma ġabet ebda raġuni għala huma kellhom jinstabu ħatja skond l-imputazzjonijiet kollha; l-appellanti għalhekk jilmentaw min-nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza. Dana l-aggravju, in kwantu hu bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni għall-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti ser jiġi respint. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ma jirrikjedix li l-Qorti Inferjuri, meta tagħti sentenza kontra imputat, toqgħod timmotiva s-sentenza billi ssemmi r-raġunijiet li wassluha għall-konklużjoni ta' ħtija; kull ma dana l-artikolu jirrikjedi hu li jissemmew il-fatti li tagħhom l-imputat ikun qed jiġi misjub ħati, l-artikolu tal-liġi li jkun jikkontempla r-reat u l-piena. Veru li hu desiderabbli li skond il-komplessita` u natura

tal-każ, sentenza tkun motivata; pero' dan mhux meħtieġ bil-liġi. Lanqas din il-Qorti (jiġifieri l-Qorti ta' l-Appell Kriminali) u l-Qorti Kriminali ma huma metieġa li jimmotivaw is-sentenzi tagħhom ħlief meta jiġu deċiżi kwistjonijiet ta' dritt (ara l-artikolu 662 (2) tal-Kodiċi Kriminali;

It-tieni aggravju ta' l-appellanti hu, bażikament, li huma nstabu ħatja ħażin skond id-diversi imputazzjonijiet għax ma kienx hemm provi biżżejjed li jwasslu għal tali ħtija. Din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi kollha, tara li l-appellanti għandhom, in parti, raġun.

*Omissis*;

L-imputazzjoni ta' oltraġġ (imputazzjoni numru 4) ma tirriżulta minn imkien; u kwantu għall-akkuża ta' ksur ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152, din ma tistax tirriżulta għar-raġuni infraskritta. Kwantu għall-appellant Zahra, jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati t-8, 9 u 10 imputazzjonijiet, iżda ukoll fil-konfront ta' dan l-appellant ma kien hemm ebda prova tar-reat ta' oltraġġ jew li naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija (l-imputazzjoni numru 7);

Fl-aħħarnett l-appellant Cassar jilmenta dwar il-piena fis-sens li hu ma setax jinstab ħati ta' l-imputazzjoni numru 5. Dan l-aggravju ser jiġi akkolt. Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Marzu, 1993 (fol. 151) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet diġa' ttrattat ma' l-appellant Cassar għall-ksur tal-kondizzjoni tal-*conditional discharge* mogħtija fis-sentenza tat-2 ta' Settembru, 1992;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant Jean Claude Cassar ħati skond ir-raba' u l-ħames

imputazzjonijiet, kif ukoll fejn sabet lill-appellant Alfred Zahra ħati skond is-seba' imputazzjoni, mil-liema imputazzjonijiet qed tilliberahom, tħassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannathom għall-piena ta' sentejn priġunerija kull wieħed u minflok dik il-piena tikkundanna lil kull wieħed minnhom għall-piena ta' sena u ħdax-il xahar priġunerija u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.